# L-ORATORJU "PAWLU TA' MALTA" TA' CAMILLERI



Hi ħaġa mill-aktar xierqa li fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina nikteb xi ħaġa fuq l-oratorju Pawlu ta' Malta li s-Surmast Charles Camilleri kkompona fl-1985. Il-librett għal dan l-oratorju kitbu l-Prof. Oliver Friggieri. Din il-kitba trid isservi wkoll ta' tislima lis-Surmast Camilleri li ħalla din id-dinja fit-3 ta' Jannar 2009.

"Pawlu ta' Malta" huwa wieħed mill-akbar u l-aktar kapolavuri brillanti tal-mużika Maltija kontemporanja. Ix-xogħol huwa maqsum fi tliet taqsimiet: (1) L-Id Moħbija; (2) Ix-Xatt tal-Ħniena; (3) Il-Jum il-Ġdid. Kull waħda minn dawn it-taqsimiet imbagħad tinqasam fi strofi poetiċi bis-sottotitli. Dawn jirrakkontaw il-vjaġġ ta' San Pawl għal Ruma u l-id divina ta' Alla li ġabitu lejn gżiritna wara li kien għoddu ra l-għarqa f'tempesta qalila. L-istrofi jkantawhom sopran, tenur, baxx, flimkien ma' kor, orkestra u narratur. Il-kompożitur u l-librettist ingħaqdu flimkien biex jgħollu bit-tifħir il-wasla ta' San Pawl f'Malta u l-fidi bla tmiem li hu ħalla warajh bħala wirt. Il-mużika u l-maestrija poetika, nota b'nota u vers b'vers, juru l-qagħda tan-nazzjon Maltija. Il-mużika tgħaddi mill-burdata ħajjarija għal dik ferriħija sa ma tasal għall-krexxendo finali, dejjem imsieħba ma' lirika passjonali.




"Pawlu ta' Malta" huwa orartorju adatt biex jinstema' f'kull naħa tad-dinja u f'kull post: sew f'katidral, f'sala tal-kunċerti jew f'teatru, u quddiem kull udjenza hu liema hu lsienha. Għandu mużika qawwija u poeżija ta' kalibru mhux komuni. Il-patrijottiżmu u l-fidi li hemm fih jerfgħu r-ruħ ta' kull bniedem, hi x'inhi l-kultura jew it-twemmin tiegħu. L-oratorju sar l-ewwel darba fl-1985 fil-kon-katidral ta' San Ġwann tal-Belt u reġa' sar fl-istess post aktar minn għaxar snin wara, fis-sena 2000. Dan l-oratorju ħareġ fuq cd. Biex ngħożżu aktar dan ix-xogħol ta' min insiru nafu aħjar il-kompożitur.




Charles Camilleri twieled il-Ħamrun fl-1931. Huwa beda l-karriera mużikali tiegħu f'età żgħira ħafna, tant li ta' erbatax-il sena kien diġà kkompona l-ewwel marċ għall-banda. Iżda aktar ma għadda 'l quddiem aktar beda jsib lilu nnifsu fl-għeruq tal-mużika folkloristika Maltija, l-għana Malti. Huwa kkompona aktar minn 100 biċċa li kienu ppubblikati fil-Kanada u l-Amerika. L-ispirtu miftuħ ta' Camilleri ma jidhirx biss bil-kbir fiż-żewġ opri tiegħu, iżda wkoll fil-ħila li wera li jdaħħal taħlita ta' melodiji mnisslin mill-għana Malti fl-arji operistiċi li ħalaq.

Il-Prof. Camilleri għallem il-mużika fl-Università. Huwa kkompona l-ewwel opra "Il-Wegħda", imbagħad l-oratorju "Pawlu ta' Malta" u kantata bit-titlu "L-Għana ta' Malta bil-Malti". Warajha ħareġ bl-opra "Is-Salib ta' Malta". Din saret l-ewwel darba fl-1995 fit-teatru taċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi. L-aħħar xogħol tiegħu kien l-opra b'ħames atti "Elizabeth" b'librett ta' Peter Serracino Inglott.

Il-mertu tal-oratorju "Pawlu ta' Malta" huwa wkoll tal-Prof. Oliver Friggieri li għalih kiteb lirika qawwija u ta' ħlewwa kbira. Friggieri huwa l-awtur ta' għadd kbir ta' kotba, fosthom rumanzi u novelli. Ħafna mill-poeżiji tiegħu nqalbu f'ilsna differenti bħalma huma l-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, is-Serbo-Kroat, u bosta oħrajn. Huwa l-kap tad-dipartiment tal-lingwa u l-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta. Fost ix-xogħlijiet sbieħ tiegħu wieħed isemmi: "Fil-Parlament ma Jikbrux Fjuri", "Ġiżimin li Qatt ma Jiftaħ", "It-Tfal Jiġu bil-Vapuri"... u għadd kbir ta' xogħlijiet oħra li jekk noqogħdu nsemmuhom biss nimlew bosta paġni tar-rivista tagħna. Dan l-aħħar ħareġ "Fjuri li ma jinxfux - Tifkiriet 1955-1990".

***Iris Portelli***